# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

# ONOR.IMHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Novembru 2019

**Rikors Numru : 325/2018/3 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**AZ**

**vs**

**EZ**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AZ, datat 21 ta' Mejju 2019, a fol 2 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fil-Knisja Parokkjali tat-Trasfigurazzjoni fil-Parocca ta' Hal-Lija nhar is- 7 ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004) minn liema zwieg twieldu zewgt itfal u cjoe JZ li twieled f'X u KZ li twieldet f'Y;*

2. *Illi r-rikorrenti ntavolat il-proceduri odjerni sabiex tottjeni s-separazzjoni personali minn mal-konvenut kif ukoll sabiex tirregola l-aspetti relattivi ghall-minuri inkluzi l-kura u l-kustodja, manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri u kwalunkwe dritt ta' access tal-intimat ghall-minuri;*

3. *Illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet hija essenzjalment komposta mis-segwenti:*

   a. *Id-dar matrimonjali bl-indirizz « W » liema fond ghad hemm self mal-Bank BOV marbut maghha;*

   b. *Il-vettura tal-ghamla Toyota Auris bin-numru ta' registrazzjoni TA, li hija misjuqa u tinsab fil-pussess ta' l-esponenti;*

c. *Il-vettura tal-ghamla Suzuki Alto bin-numru SA, li hija misjuqa u tinsab fil-pussess tal-intimat;*

d. *Il-passiv u cjoe is-self mill-bank BOV marbut mal-fond matrimonjali fil-prezent fl-ammont ta' madwar Eur101,300 u Eur12,000;*

e. *Il-polza tal-assigurazzjoni fuq hajjet il-partijiet mas-socjeta' MSV life p.l.c;*

f. *Kontijiet bankarji kongunti mal-Bank HSBC u mal- Bank APS Bank Limited.*

4. *Illi l-intimat unilateralment waqaf ihallas sehmu mill-passiv li hemm pendenti mal-bank fuq il-fond matrimonjali u minkejja l-interpellazzjoni tal-attrici sabiex jonora r-responsabiltajiet tieghu u minkejja li l-Bank kreditur gja baghat ghall-partijiet sabiex jinfurmahom illi kemm-il darba sejrin jibqghu moruzi fil-pagamenti dan sejjer jipprocedi kontrihom, l-intimat baqa' inadempjenti fil-pagamenti tieghu;*

5. *Illi din ir-rezistenza tal-intimat biex jonora l-obbligi tieghu hija intiza biss sabiex jisforza lill-attrici tbiegh il-fond matrimonjali sabiex l-intimat ikun jista' jiehu sehemu u jkompli b'hajjtu minghajr ebda hsieb ta' x'ha jigri minn uliedu. Din l-attitudni tohrog cara kristall mill-messaggi mibghuta minnu stess fejn jghid lill-attrici la hi trid id-dar, thallas hi s-self fuqha. Kopja tal-messaggi hawn annessi u mmarkati Dok M;*

6. *Illi l-attrici mhix f'posizzjoni li tbiegh il-fond matrimonjali ghaliex wara li jinqata' s-self rimanenti fuq l-istess fond, ma jibqalix rikavat bizzejjed sabiex tixtri fond iehor ghaliha u ghall-ulied il-partijiet. Irid jinghad ukoll illi minhabba l-azzjoni irresponsabbli tal-intimat, iz-zewg partijiet gew blacklisted mal-Bank kreditur APS Bank kif gew infurmati mill-Bank stess kreditur sabiex tixtri saqaf iehor fuq ras ulieda il-partijiet. Anke jekk tavvicina banek ohra, hemm cans kbir li ma jinghatawx self minhabba li qieghdin blacklisted;*

7. *Illi l-agir tal-intimat qieghed jikkawza pregudizzju serju fuq l-attrici kif ukoll qieghed jikkawza riskju sejru li l-bank kreditur jipprocedi kontra l-partijiet*

*kemm-il darba dawn jibqghu moruzi fil-pagamenti;*

8. *Illi ghaldaqstant permezz tar-rikors odjern l-attrici qieghda titlob li din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet stante li l-iskop tal-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet illum spicca ghal kollox u ghalhekk l-istess ghandu jigi sancit legalment permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti;*

9. *Illi l-esponenti b'umilta' tissottometti illi mhux talli l-ebda parti mhi sejra tbati il-pregudizzju kontemplat fl-Art. 55(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kemm-il darba l-istess komunjoni tal-akkwisti titwaqqaf qabel is-sentenza finali ta' din l-Onorabbli Qorti, talli l-attrici sejra tbati pregudizzju serju kemm-il darba din il-komunjoni tal-akkwisti ma tigix imwaqqfa minhabba l-agir unilaterali tal-intimat li qieghed ihalli konsegwenzi negattivi fuq l-istess attrici;*

10. *Illi jrid jinghad ukoll illi b'konsegwenza tal-agir tal-intimat, l-attrici giet f'posizzjoni illi resqet proposti alternattivi lill-intimat sabiex l-intimat ma jkollux ghalfejn jibqa jhallas is-self dovut lill-bank minghajr ma din l-inadempjenza jkollha konsegwenzi fuq l-attrici u ulied il-partijiet. Kopja tal-ittra biz-zewg proposti qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok I;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suepost, l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1) *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Z ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2) *Tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Z spiccuta mill-jum li l-eventwali sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti in materia tkun finali u konklussiva;*

3) *Tordna li l-beni jew is-sehem in komuni taghhom li ser jibqghu formanti l-komunjoni tal-akkwisti jinqasmu mas-sentenza finali ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rispett tar-rikors guramentat 325/2018 fl-ismijiet premessi;*

4) *Tordna n-notifika tal-eventwali sentenza taghha lid-Direttur tar-Regsitru Pubbliku;*

5) *Tawtorizza lill-Bank kreditur illi f'kaz li l-intimat jibqa' moruz fil-pagamenti tas-self tieghu a detriment tal-esponenti u ta' ulied il-partijiet, jaqleb l-istess self kompletament fuq l-esponenti b'dan illi sehem l-intimat mill-pagamenti li saru s'issa jibqa' rizervat u dovut lilu;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' EZ, datata 24 ta' Gunju 2019, a fol 9 et seqq., li taqra hekk:

*Illi preliminarjament jigi rilevat li l-<u>hames</u> (5) talba hija konfuza, monka u mhux dik prevista mill-ligi u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti. Jidher, (pero m'hu xejn car), illi permezz ta' din it-talba r-rikorrenti qeghda titlob sabiex din l-Onorabbli Qorti tawtorizza lill-bank kreditur jinhall minn kwalsiasi obbligi u drittijiet spettanti lilu billi jitrasferixxi l-loan li l-partijiet ghandhom konguntivament bejniethom in konnessjoni mal-proprjeta' matrimonjali ghal fuq isem ir-rikorrenti wahedha. Ir-rikorrenti ghalhekk bhal donnha qed titlob li din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi dwar it-termini u l-kundizzjonijiet naxxenti mill-kuntratt li l-partijiet iffirmaw mal-bank kreditur (terza f'din il-kawza), talba li certament la qatt tista' tigi deciza pendente lite u lanqas permezz ta' sentenza finali ta' kawza ta' separazzjoni.*

*Illi wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk ghal grazzja tal-argument u bit-tigbid tal-immaginazzjoni wiehed ikollu jikkoncedi li din it-talba hija proceduralment korretta, hu essenzjali li din il-Qorti jkollha quddiem il-provi kollha migjbua miz-zewg partijiet u mhux biss premessi (mhux guramentati) kontenuti f'rikors sorretti minghjar ebda prova. Ir-rikorrent la ghogobha tesebixxi kopja tal-kuntratt ta' self li l-partijiet iffirmaw mal-bank kreditur u lanqas kopja tal-istatements tal-kont kongunt tal-partijiet.*

*Illi fit-tielet lok, u strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jichad b'mod l-aktar kategoriku li huwa gie mitkellem mil-bank kreditur dwar*

*nuqqas ta' hlas ta' ri-pagamenti jew addirittura li huwa gew blacklisted. Dan hu ferm il-boghod mill-verita'. Ir-ripagamenti dovuta lill-bank kreditur huma kollha mhallsa u m'hemm l-ebda arrettrati.*

*Illi r-rikorrenti ghogobha wkoll tannetti mar-rikors taghha kopja t'ittra bil-proposti taghha dwar din is-separazzjoni pero' fl-istess hin, filwaqt li qed tipproponi li l-fond matrimonjali jigi assenjat lilha naqset milli tindika l-valur ta' dan l-istess fond. Il-problema principali f'din il-kawza ta' separazzjoni hija li r-rikorrenti qed tipprettendi li l-qasma ghandha ssir billi l-fond matrimonjali li ghandu l-valur ta' cirka Eur 350,000 jigi assenjat lilha fl-intier tieghu filwaqt li l-esponent jiehu nbiss is-somma ta' Eur 51,665. Dan huwa l-mod ta' kif ir-rikorrenti qed tipprova tirredikola dawn il-proceduri ta' separazzjoni !! li hu interessanti fir-rigward ta' din it-talba tar-rikorrenti huwa l-fatt illi permezz ta' rikors iehor minnha intavolat (fejn talbet sabiex din il-Qorti tiddeciedi dwar il-quantum ta' manteniment pagabbli mill-esponent) hija ppruvat tinganna billi tat l-impressjoni li qed tbati finanzjarjament issa qed titlob sabiex thallas ir-ripagamenti dovuta lill-bank kreditur wahedha fis-somma ta' mhux anqas minn Eur720 fix-xahar. Din hija l-istess rikorrenti li sa ftit ilu sahqet quddiem din l-Onorabbli Qorti li kellha tissellef il-flus sabiex tixtri water heater ghad-dar matrimonjali.*

*Illi fir-rigward <u>l-ewwel talba</u> l-esponenti jaqbel illi din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Z ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi fir-rigward <u>tat-tieni talba</u> rikorrenti din hija wkoll monka billi jekk tigi milqugha l-ewwel talba, il-komunjoni tal-akkwisti tkun terminata mill-lum li fih jinghata d-digriet relattiv u mhux mill-jum li fih tinghata s-sentenza finali dwar din is-separazzjoni.*

*Illi fir-rigward <u>tat-tielet talba</u> din l-Onorabbli Qorti ghandha tastejni milli tiehu konjizzjoni taghha billi kull parti f'dawn il-proceduri tista' titlob lil din il-Qorti sabiex tawtorizza l-bejgh waqt is-smigh ta' dan il-proceduri. Fl-eventwalita' li din il-Qorti tilqa' din it-talba allura dan ser ikun ifisser li l-ebda parti f'dawn il-proceduri ma jkun possibbli ghaliha li tintavola rikors sabiex jigi awtorizzat il-bejgh ta' proprjeta' komuni tal-partijiet. Ghalhekk din it-talba hija wahda*

*prematura!*

*Illi r-raba' talba hija konsegwenzjali tal-ewwel tlett talbiet rikorrenti u ghalhekk fl-eventwalita' li tigi milqugha talba minnhom, l-esponent ma jopponiex ghal din ir-raba' talba.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti tal-kawza kollha esebiti;

Semghet t-trattazzjoni mil-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**L-attrici** xehdet illi l-partijiet ghandhom *home loan,* li l-pagamenti ta' liema dejjem thallsu mill-partijiet sa' Frar 2019. Spjegat illi f'Marzu 2019 il-paga tal-konvenut waqfet milli tidhol fil-kont tal-APS u l-konvenut waqaf ihallas sehemu il-*loan* tant illi kienet giet avzata mill-bank illi jekk mhux ser ikun hemm hlas fi zmien xahrejn, kienu ser johdulhom id-dar. Kompliet illi meta kkonfrontat lill-konvenut dwar dan, huwa inizjalment beda jinnega li kien waqaf ihallas sehemu, u minflok beda jwahhal fiha. Ziedet li ghalhekk bdiet tmur il-bank ta' kuljum sabiex tipprova tirradrizza s-sitwazzjoni, u kienet anke offriet illi tiehu l-*loan* kollu hi peress illi trid tibqa' tghix fid-dar hi, izda l-konvenut ma accettax. Qalet illi issa fethet kont mal-bank sabiex, fl-eventwalita li l-konvenut ma jhallasx sehemu mill-loan, il-flus ikunu jistghu jingibdu minn dan il-kont taghha.

**In kontro-ezami** xehdet illi li l-ewwel telefonata rigward l-arretrati tal-*loan* saret minn certa Graziella, li qieghda taht il-Manager tal-fergha tal-Bank tal-Mosta. Qalet illi l-pagamenti mensili tal-loan huwa fl-ammont ta' €509, li l-partijiet jaqsmu bejniethom u illi l-ammont ta' arretrati bhalissa huwa ta' €600. Qalet li barra minn hekk ghandhom *loan* zghira ohra b'pagament mensili ta' €224, li wkoll jinqasam bejn il-partijiet. Xehdet illi l-paga taghha ma nbiddletx minn mindu prezentat ir-rikors, izda issa qed tkampi ahjar peress illi m'ghadux ikollha n-nieqes tas-*sick leave.* Xehdet illi kienet hadet parir rigward jekk tistghax tinqasam id-dar, u kienet giet informata li huwa possibli li tinbiegh l-arja separatament. Qalet illi l-bilanc rimanenti fuq il-*loan* huwa fl-ammont ta' €100,000 u d-dar giet stmata li tiswa cirka €320,000 - €340,000.

**Ikkonsidrat:**

L-attrici, b'rikorsipprezentat fil-21 ta' Mejju 2019, qed tipprocedi b'din t-talba ai termini tal-Artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili, li jaghti d-dritt lill-kull parti f'kawza ta' separazzjoni personali, li fil-pendenza tal-istess kawza, titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Skont is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Is-sub-inciz (4) tal-istess Artikolu jipprovdi pero s-segwenti:

> ***"Qabel tordna il-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda".***

Skont s-sub-inciz (6) tal-istess artikolu, meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni fil-bidu tal-kawza tal-firda, dan ghandha taghmlu mill-jum li s-sentenza tal-firda tkun finali u konklussiva.

Skond l-**Artikolu 1320 tal-Kap. 16,** fil-komunjoni tal-akkwisti jidhol dak kollu li z-zewg partijiet mizzewwga jakkwistaw bix-xoghol jew bil-hidma taghhom, kif ukoll, il-frottijiet tal-beni tal-partijiet mizzewga, sub-inciz (b) u kull beni jew akkwisti bi flus jew hwejjeg ohra li jkunu gejjin mill-akkwisti, ukoll jekk l-akkwist ta' dawk il-beni jkun sar f'isem parti wahda mill-mizzewgin.

Skond l-insenjament tas-sentenza fl-ismijiet: *"**Josette Gatesy Lewis, wife of Irme Gatesy, in her own name as well as a curator ad litem on behalf of the minor child, Alexander Gatesy vs Andy Irme Gatesy**"* Rikors numru 188/05JA, il-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] b'sentenza tal-4 ta' Dicembru 2015 laqghet it-talba tal-konvenut u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet billi kienu ghaddew ghaxar (10) snin mill-bidu tal-kawza ta' separazzjoni personali u l-attrici kienet ghadha ma kkonkludietx il-provi taghha. Il-Qorti osservat li f'dawn ic-cirkostanzi, kien ragjonevoli ghall-konvenut li jaghmel talba simili.

Il-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-30 ta' Settembru 2016 ikkonfermat d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti u ddikjarat:

> ***"…. it is this Court's view that the excessively and objectively unjustified delay on part of the plaintiff in concluding her evidence is delaying unnecessarily the progress and the eventual closure of the proceedings. There is no doubt that this very long delay is making it impossible for defendant to conclude and settle his financial affairs vis-à-vis plaintiff who at present, notwithstanding her initial request for the cessation of those acquests and the personal separation from defendant, is still entitled to half the earnings of defendant as well as to half of his assets. In these circumstances, rejecting defendant's request would cause him prejudice in terms of the sub-article aforementioned".***

Fil-kawza fl-ismijiet "**Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**" [Citaz 139/12RGM] deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015 li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

> ***"…..il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".***

Fil-kawza fl-ismijiet "**Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015, il-Qorti rriteniet li, l-parti li kienet qed topponi l-waqfien tal-komunjoni mhux talli ma kienitx ser issofri pregudizzju sproporzjonat, ghall-kuntrarju, il-Qorti rriteniet li l-waqfien tal-komunjoni kien ser ikun ta' beneficcju ghaz-zewg partijiet:-

> ***"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien, matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…………t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat" . Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."***

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kienet ser igib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li, ‘l quddiem, ikun jista’ jigi addebitat lill-komunjoni.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat illi fir-risposta tieghu l-konvenut ma opponiex ghat-talba tal-attrici sabiex din il-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili. Illi ghalhekk din it-talba qed tigi milqugha.

Il-konvenut eccepixxa illi t-tieni talba tal-attrici hija monka peress illi jekk l-ewwel talba tigi milqugha, il-komunjoni tal-akkwisti tkun terminata mill-jum li fih jinghata d-digriet relattiv mhux fil-jum illi tinghata s-sentenza finali dwar is-separazzjoni. Din il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni hija infondata. L-ewwel nett, kif jidher mill-Artikolu 55 (2) tal-Kodici Civili, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jinghata permezz ta’ sentenza u mhux permezz ta’ digriet kif gie eccepiet mill-konvenut. Barra minn hekk, mill-mod kif inhi impostata t-talba tal-attrici, huwa car illi hija qed titlob li l-komunjoni tal-akkwisti tieqaf mill-jum illi din is-sentenza tkun finali, u dan peress illi l-attrici tikkwalifika t-terminu sentenza bil-kliem “*in materia”.* Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija infondata u qed tigi respinta.

Rigward it-tielet talba, l-konvenut eccepixxa illi din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha peress illi kull parti f’dawn il-proceduri tista’ titlob lil Qorti sabiex tawtorizza l-bejgh ta proprjeta’ fil-mori tal-proceduri, izda jekk din it-talba tigi milqugha, kull parti tkun prekluza milli taghmel tali talba.

Il-Qorti rat illi l-Artikolu 55 (7) tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> **“*Il-qorti tista’ iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jehtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista’ fl-ordni tistabbilixxi*.”**

Inoltre, l-Artikolu 55 (8) jipprovdi illi:

> “***Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista’, għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti.***”

Illi ghalhekk, huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti illi tordna li l-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ma jinqasmux qabel ma jghaddi terminu ta’ zmien iffissat mill-Qorti, kif ukoll illi tvarja jew tirrevoka dan l-ordni ghal raguni tajba. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-preokuppazzjoni tal-konvenut hija sgwidata. Il-fatt illi din il-Qorti tilqa’ t-tielet talba tal-attrici ma jfissirx illi l-partijiet ser ikunu irrevokabbilment prekluzi milli jottjenu l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex xi beni komuni jigu mibjugha fil-mori tal-kawza. Il-Qorti ghaldaqstant tqis illi din l-eccezzjoni hija infondata u li ghalhekk il-Qorti tqis illi it-tielet talba tal-attrici ghandha tigi milqugha.

Fir-rigward tal-hames talba attrici, l-konvenut eccepixxa illi din it-talba hija monka u konfuza u li m’huwiex legalment permissibli, kif ukoll illi din it-talba ma tistghax tigi deciza a bazi tal-provi limitati prodotti f’dawn il-proceduri. Il-Qorti rat illi permezz tal-hames talba, l-attrici qed titlob illi fil-kaz li l-konvenut jibqa’ moruz fil-pagamenti tieghu, il-Bank kreditur jigi awtorizzat sabiex jaqleb il-facilita ta’ self kompletament fuq isem l-attrici, b’dan illi sehem il-konvenut mill-pagamenti li saru s’issa jibqa’ rizervat u dovut lilu.

Il-Qorti tqis illi din it-talba hija proceduralment irritwali, mifhum illi din il-Qorti ma tistghax tordna illi l-Bank kreditur ibiddel termini essenzjali tal-kuntratt ta’ self li sar mal-partijiet meta il-bank m’huwiex parti minn dawn il-proceduri. Inoltre, din it-talba lanqas ma hija gustifikata fil-meritu taghha, issa li bl-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, kwalunwke hlas li jsir individwalment mill-partijiet m’ghadux legalment meqjus li sar minnhom it-tnejn. Ghalhekk, fil-kaz illi l-konvenut ikun moruz f’xi pagament tas-self u l-attrici taghmel tajjeb ghalih, dan il-hlas ikun meqjus li sar individwalment minnha u jkun akkreditat lilha meta ssir id-divizjoni tal-assi komuni tal-partijiet. Filfatt jirrizulta mix-xhieda tal-attrici illi hija diga ghamlet l-arrangamenti necessarji sabiex fil-kaz li l-konvenut ikun moruz f’xi ripagament, il-bank ikun jista’ jigbed il-flus minn kont personali taghha.

**F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt illi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-paragrafi bin-numru wiehed (1) u tnejn (2) fir-risposta tieghu u tichad il-hames talba tal-attrici, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba’ talba attrici u konsegwentement tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikoli 55 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna illi l-beni jew**

**is-sehem in komuni tal-partijiet li ser jibqghu formanti l-komunjoni tal-akkwisti, jinqasmu mas-sentenza finali li ghandha tinghata fl-atti tar-rikors guramentat 325/18 fl-istess ismijiet u tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attrici ai termini tal-Artikolu 55 (6) tal-Kodici Civili.**

**Spejjes riservati ghall-vertenza finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**